MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 787/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard C Spiteri]**

**vs**

**Gaser Salman Darman**

**Kumpilazzjoni Numru 787/2009**

**Illum 14 ta’ Dicembru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gaser Salman Darman, ta’ 31 sena, bin Sayman u Sabra nee’ Ilhaqoni, imwieled Basra Iraq nhar l-10 ta’ Settembru, 1978 u li joqghod fil-fond, Seaview, Flat 8, Triq San Gorg, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru46069 (A)

Akkuzat talli f’ dawn il-gzejjer, nhar it-8 t’ Awwissu, 2009, ghal habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghodu (4:30am) gewwa Triq San Gorg, San Giljan u jew fil-vicinanzi :-

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 1354 Claudio Coppola, PC 750 Terry James Mallia, PC 1370 Antoine Micallef u PS 157 Brian Mifsud, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ dik l-ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikoli 96 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ kontra PC 1354 Claudio Coppola, PC 750, Terry James Mallia, PC 1370 Antoine Micallef u PS 157 Brian Mifsud, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 ta’ Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ Artikolu 338 (dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimu ta’ PC 1354 Claudio Coppola, PC 750 Terry James Mallia, PC 1370 Antoine Micallef u PS 157 Brian Mifsud, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’ mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’ xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv, ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

billi huwa kien gie misjub hati b’ sentenzi tal-Qorti ta’ Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghu jinbidlu.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 338(dd), 338(ee), 339(d), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 14 ta’ Dicembru 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kif dedotti fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali; l-imputat ammetta l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-impurtat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi li waslu ghall-incident mertu ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali ta’l-imputat u l-progress li huwa ghamel fil-mori tal-proceduri hekk kif jirrizulta mis-*social enquiry report* redatt mill-ufficjal tal-probation nominat ghal dan il-ghan, kif ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat 49, 50, 95(1), 96(a), 338(dd), 338(ee), 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------